IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2021
COM(2021) 960 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Titħaffef l-azzjoni klimatika Ewropea għal futur ekoloġiku, ġust u prosperu**

**Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE tal-2021**

{COM(2021) 950 final} - {SWD(2021) 298 final}

*"Dan huwa d-deċennju tas-suċċess jew tal-falliment tal-ġlieda tagħna kontra l-kriżijiet tal-klima u tal-bijodiversità. 9 minn kull 10 Ewropej jaqblu li jenħtieġ li nieħdu azzjoni biex innaqqsu l-emissjonijiet tagħna u biex l-Unjoni Ewropea ssir newtrali għall-klima sal-2050. L-UE stabbiliet miri ambizzjużi u l-proposti tal-Kummissjoni juru kif nistgħu nilħquhom. L-iżgurar ta' futur ekoloġiku u fi stat tajjeb ta' saħħa għal kulħadd jeħtieġ sforz konsiderevoli f'kull settur u f'kull Stat Membru. It-tranżizzjoni tal-Ewropa se tkun ġusta, ekoloġika u kompetittiva."*

**Frans Timmermans**, il-Viċi President Eżekuttiv għall-Patt Ekoloġiku Ewropew

## 1. IS-SODISFAR TAL-IMPENJI INTERNAZZJONALI TAL-UE

***L-UE qabżet il-mira ta' tnaqqis tagħha għall-2020 għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra filwaqt li fl-2020 ġie osservat tnaqqis rekord minħabba l-pandemija tal-COVID-19.***

Fl-2020, l-emissjonijiet domestiċi tal-gassijiet serra (GHG) tal-EU-27, inkluża l-avjazzjoni internazzjonali[1], naqsu b'31 %[2] mil-livelli tal-1990 u **laħqu l-aktar livell baxx tagħhom fi 30 sena.** Jekk jiġu inklużi l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF), dan jirriżulta fi tnaqqis nett ta' emissjonijiet ta' 34 %[3]. Għalhekk, **l-UE qabżet b'mod sostanzjali l-mira tagħha taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima** (UNFCCC) li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'20 % sal-2020 meta mqabbla mal-1990[4]. Bis-saħħa tal-isforzi sostnuti ta' dekarbonizzazzjoni matul dan l-aħħar deċennju dan kien diġà l-każ qabel il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Mill-introduzzjoni tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) fl-2005, l-emissjonijiet fis-setturi koperti (il-ġenerazzjoni tal-enerġija, il-biċċa l-kbira tal-produzzjoni industrijali u t-titjiriet fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)) tnaqqsu b'madwar 43 %. Dan ikkontribwixxa b'mod sinifikanti biex tintlaħaq il-mira ġenerali tal-UE għall-2020. F'setturi li ma humiex koperti mill-ETS (bħall-industrija mhux tal-ETS, it-trasport, il-bini, l-agrikoltura u l-iskart), l-emissjonijiet kienu 16 % anqas milli fl-2005, jiġifieri l-mira tal-kondiviżjoni tal-isforzi għall-2020 (-10 %) intlaħqet ukoll b'mod eċċessiv. Skont il-kontabbiltà preliminari simulata taħt il-Protokoll ta' Kjoto, il-krediti netti kontabbilizzati annwali mil-LULUCF naqsu mill-2013 sal-2019.

Mill-1990, il-**PDG ikkombinat tal-UE żdied b'aktar minn 50 %** filwaqt li fl-2020, l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-ekonomija, definita bħala l-proporzjon bejn l-emissjonijiet u l-PDG[5], naqset għal 271 g $CO_2$-eq/$EUR_{2015}$ , inqas minn nofs il-livell tal-1990. Dan juri li d-dekarbonizzazzjoni u t-tkabbir ekonomiku jistgħu jimxu id f'id kif deskritt fl-istrateġija l-ġdida tal-UE għat-tkabbir – il-Patt Ekoloġiku Ewropew[6].

Meta mqabbla mal-2019, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra naqsu bi kważi 10 % fl-2020, **tnaqqis temporanju mingħajr preċedent** fl-emissjonijiet minħabba l-pandemija. L-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji koperti mill-EU ETS naqsu drastikament bi 11,4 % u l-emissjonijiet mhux tal-ETS b'5,6 %. Is-settur tal-avjazzjoni esperjenza tnaqqis rekord (-63,5 %) fl-emissjonijiet minn titjiriet fiż-ŻEE u globalment (-54 %) mill-avjazzjoni internazzjonali.[7] Madankollu, studju riċenti[8] juri li l-emissjonijiet mhux tas-$CO_2$ tal-avjazzjoni jammontaw għal aktar minn nofs (66 %) tal-Forza Radjuattiva Effettiva tal-avjazzjoni (fl-2018). Dan jirriżulta fi ħtieġa li jiġi kkunsidrat kif l-aħjar jiġu indirizzati

[1] It-tluq kollu ta' titjiriet mill-ajruporti tal-UE.

[2] Inventarju approssimat tal-gassijiet serra tal-UE ibbażat fuq is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri. Il-mili tal-lakuni sar għall-BG bl-użu ta' *data* mill-EUTL, mill-Eurostat, mill-Eurocontrol, mill-projezzjonijiet tal-2021 u minn *data* tas-snin preċedenti.

[3] Id-*data* mill-projezzjonijiet tal-Istati Membri għall-2021 intużat biex jimtlew il-lakuni f'LULUCF għad-DK, l-EE, ir-HR, l-HU, l-LV u l-SI.

[4] Minbarra l-mira taħt l-UNFCCC, l-EU-27, flimkien mal-Iżlanda u mar-Renju Unit, impenjaw ruħhom ukoll għal tnaqqis vinkolanti fl-emissjonijiet għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto (2013-2020). Il-mira hija li l-emissjonijiet jitnaqqsu b'20 %. Ara SWD għad-dettalji.

[5] Il-proporzjon mogħti bħala eżempju, statistikament impreċiż minħabba li l-PDG (kontabbiltà nazzjonali) u l-emissjonijiet (territorju) għandhom kampijiet ta' applikazzjoni differenti.

[6] COM(2019) 640 final.

[7] ICAO, C-WP/15209, Mejju 2021.

[8] SWD(2020) 277 final.

ulterjorment l-effetti mhux tas-$CO_2$ biex, flimkien mal-azzjoni klimatika li diġà qiegħda tittieħed, ikompli jsir kontribut għall-objettivi klimatiċi tal-UE u tal-Ftehim ta' Pariġi.

Minkejja li huwa wieħed mill-aktar modi ta' trasport effiċjenti fl-użu tal-enerġija, is-settur tat-trasport marittimu jipproduċa madwar 3-4 % tal-emissjonijiet kollha tas-$CO_2$ tal-UE fl-2018-2019, b'madwar 60 % tal-emissjonijiet irrapportati minn vjaġġi lejn jew minn port barra miż-ŻEE.[9] Fl-2020, is-settur kien affettwat ukoll b'mod qawwi mill-pandemija (-15 % fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ sena wara sena).[10] Minkejja l-kisbiet li saru s'issa, huwa kruċjali li jiġi mfakkar li rkupru ekonomiku rapidu jista' jwassal għal żieda qawwija u rapida fl-emissjonijiet, sakemm il-miżuri ta' stimolu ma jkunux immirati lejn it-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-aħħar nett, minħabba l-impatti bla preċedent tat-tibdil fil-klima[11], **irridu naġixxu aktar malajr minn qatt qabel biex niżguraw futur ekoloġiku, ġust u prosperu.**




**Illustrazzjoni 1: L-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-EU-27 (inkluż l-avjazzjoni internazzjonali) u l-assorbimenti mill-1990 sal-2020, il-miri, l-emissjonijiet u l-assorbimenti mbassra bbażati fuq mudell għal bejn l-2020 u l-2050[12]**

[9]Ir-Regolament (UE) 2015/757.
[10] Stimi preliminari bbażati fuq id-*data* THETIS-MRV.
[11] IPCC, l-ewwel parti tas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni, 2021.
[12] (1) L-emissjonijiet u l-assorbimenti storiċi ta' gassijiet serra (1990-2020) huma bbażati fuq l-Inventarju tal-Gassijiet Serra għall-2021 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. (2) L-emissjonijiet u l-assorbimenti mbassra (2021-2050) huma bbażati fuq ix-Xenarju ta' Referenza tal-UE 2020 ("referenza"; linji griżi) u x-Xenarju ta' Politika MĦALLTA (linji oranġjo) li jappoġġaw l-inizjattivi ta' politika "It-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew". (3) L-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-

*Żieda kbira fl-azzjoni klimatika Ewropea*

F'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE stabbiliet il-**mira tan-newtralità klimatika sal-2050** f'Diċembru 2019. L-UE adottat ukoll il-Patt Ekoloġiku Ewropew (EGD), il-pjan direzzjonali multisettorjali tagħha għal tranżizzjoni ekoloġika u ġusta, li fih it-teknoloġiji diġitali qed jaqdu rwol dejjem aktar kritiku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. F'Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew approva mira aktar ambizzjuża għall-2030 ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' mill-anqas -55 % (qabel -40 % ta' gassijiet serra), wara l-pubblikazzjoni tal-**Pjan dwar il-Mira Klimatika**[13] għall-2030 tal-Kummissjoni li jipproponi perkors aktar ibbilanċjat għan-newtralità klimatika. Dan wassal biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jissottomettu **Kontribuzzjonijiet Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDC)** aġġornati lill-UNFCCC f'Diċembru 2020. Sa Ottubru 2021, 20 Stat Membru[14] ssottomettew l-**istrateġiji fit-tul**[15] tagħhom lill-UE iżda l-Istati Membri huma mħeġġin jikkunsidraw li jaġġornaw u, fejn possibbli, iżidu l-ambizzjoni tagħhom.

Bl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-**Liġi Ewropea dwar il-Klima**[16] f'Ġunju 2021, kemm il-miri tal-2030 kif ukoll tal-2050 saru legalment vinkolanti fl-UE. Il-liġi tillimita wkoll il-kontribut li l-assorbimenti tal-karbonju jistgħu jagħmlu lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-2030 biex tiżgura li jkun hemm sforz ta' mitigazzjoni suffiċjenti. Tistieden lis-setturi jħejju pjanijiet direzzjonali lejn l-ilħuq tal-objettiv tan-newtralità klimatika u tistabbilixxi **Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima.**

Sabiex jiġi żgurat li l-qafas ta' politika tal-UE jkun adattat għall-mira klimatika l-ġdida tagħha għall-2030, f'Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet l-aktar **pakkett komprensiv ta' leġiżlazzjoni dwar il-klima u l-enerġija**[17] li qatt ipproponiet. Il-pakkett ifittex li jintroduċi bidliet gradwalment u li jressaq għadd ta' għodod biex jappoġġa tranżizzjoni soċjalment aċċettabbli. F'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-pakkett jipproponi li l-EU ETS eżistenti tiġi limitata u li s-sistema tal-ipprezzar tal-karbonju tiġi estiża għas-settur tat-trasport marittimu. Jipproponi wkoll modi biex tingħata spinta lill-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli fis-setturi marittimi u tal-avjazzjoni. Barra minn hekk, jipproponi li jitneħħew gradwalment il-kwoti tal-emissjonijiet bla ħlas fis-settur tal-avjazzjoni u li tiġi implimentata, kif xieraq, l-Iskema globali ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) għal titjiriet barra miż-ŻEE. Barra minn hekk, il-pakkett jipproponi sistema separata għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-fjuwils li jintużaw

projezzjonijiet jużaw il-potenzjali tat-tisħin globali tar-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC biex l-emissjonijiet mhux tas-$CO_2$ jiġu kkonvertiti f'emissjonijiet ekwivalenti ta' $CO_2$. (4) Il-mira għall-2030 (il-Liġi tal-UE dwar il-Klima) hija definita bħala: "l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, jiġifieri l-emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, jitnaqqsu fl-ekonomija kollha u domestikament b'mill-anqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990". Għall-komparabbiltà, il-punt "mira tal-2030" huwa rrappreżentat f'-55 % tal-livell nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-1990.

[13] COM(2020)562 u SWD (2020) 176 final.

[14] AT, BE, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IT, LV, LT, NL, PT, SE, SI, SK. Tabella ta' valutazzjoni fil-qosor hija pprovduta fl-SWD. F'Lulju 2021, il-LT ippreżentat aġġornament tal-LTS inizjali tagħha. F'Settembru 2021, l-Ungerija adottat l-istrateġija nazzjonali u fit-tul finali tagħha li tikkonferma l-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. L-istrateġija għadha ma ġietx sottomessa formalment lill-Kummissjoni. F'Lulju 2021, il-gvern tal-Lussemburgu adotta abbozz ta' strateġija nazzjonali fit-tul. Qabel l-adozzjoni finali tagħha se titwettaq konsultazzjoni pubblika.

[15] F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999 li jiddikjara li l-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu l-LTS tagħhom sa Jannar 2020.

[16] Ir-Regolament (UE) 2021/1119.

[17] COM(2021) 550 final. Ara SWD għal aktar dettalji.

fit-trasport bit-triq u fil-bini, kif ukoll mira ogħla ta' tnaqqis għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' karozzi u vannijiet ġodda u introduzzjoni aktar mgħaġġla tal-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi. Għal setturi li bħalissa ma humiex soġġetti għall-EU ETS (il-bini, it-trasport bit-triq u dak marittimu domestiku, l-agrikoltura, l-iskart u l-industriji żgħar), il-pakkett isaħħaħ il-miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull Stat Membru. Ġew stabbiliti wkoll miri speċifiċi biex jiġu ppreservati u jitkabbru bjar tal-karbonju naturali. Il-pakkett jinkludi wkoll miri ogħla għall-użu tal-enerġija rinnovabbli u miżuri biex jitħaffef l-użu tagħhom fis-setturi kollha tal-użu aħħari u biex titrawwem l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Jistabbilixxi wkoll miri ogħla għall-effiċjenza enerġetika u jeħtieġ miżuri usa' għall-iffrankar tal-enerġija, inklużi rati ogħla ta' rinnovazzjoni tal-bini pubbliku, jipproponi li s-sorsi tal-enerġija jiġu ntaxxati f'konformità mal-għanijiet klimatiċi u jressaq miżuri biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. F'Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat ukoll strateġija ġdida tal-UE għall-foresti għall-2030[18]. Din tirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-foresti u l-katina tal-valur kollha bbażata fuq il-foresti sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-bijodiversità tal-UE u l-mira l-ġdida għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u n-newtralità klimatika sal-2050.

Minħabba li l-Istati Membri jvarjaw fil-punti tat-tluq tagħhom u se jiġu affettwati b'mod differenti mit-tranżizzjoni ekoloġika, huwa **essenzjali li din it-tranżizzjoni tkun ġusta**. Il-miri msaħħa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru huma bbażati fuq il-PDG per capita tagħhom, b'aġġustamenti magħmula biex titqies il-kosteffiċjenza kif ukoll ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi. Biex jiġu indirizzati l-effetti distributtivi u soċjali tat-tranżizzjoni fl-Istati Membri u bejniethom, il-pakkett jipproponi wkoll li jiżdied id-daqs tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u li parti mid-dħul jiġi dirett mill-ETS il-ġdida għat-trasport bit-triq u għall-bini permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi u utenti tat-trasport.

Sabiex tadatta għall-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima u ssir soċjetà reżiljenti għall-klima sal-2050, fl-2021 il-Kummissjoni adottat l-**istrateġija l-ġdida tagħha dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima**[19]. Hija tħeġġeġ adattament aktar intelliġenti, aktar mgħaġġel u aktar sistematiku biex tissaħħaħ il-kapaċità adattiva u biex tiġi minimizzata l-vulnerabbiltà għall-impatti klimatiċi tal-Istati Membri tagħha u tal-UE kollha kemm hi, kif ukoll biex tiżdied il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab madwar id-dinja. F'Ottubru 2021, l-UE ssottomettiet il-**Komunikazzjoni tagħha dwar l-Adattament tal-UE** għall-UNFCCC, li tistabbilixxi l-ambizzjonijiet tal-UE kif definiti mill-Istrateġija ta' Adattament tal-UE, kif ukoll permezz ta' eżempji ta' prattiki tajbin tal-Istati Membri.[20]

***Il-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika***

It-tranżizzjoni ekoloġika se tirrikjedi investimenti mingħajr preċedent fl-innovazzjoni u f'teknoloġiji ġodda fis-snin li ġejjin. L-Ewropa se teħtieġ madwar **EUR 390 biljun fis-sena**[21][22] f'investiment addizzjonali, meta mqabbla mal-perjodu ta' bejn l-2011 u l-2020, biex tilħaq il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030, flimkien mal-**EUR 130 biljun**

[18] COM(2021) 572 final.
[19] COM(2021) 82 final.
[20] https://unfccc.int/documents/307266
[21] SWD(2021) 621 final.
[22] Dawn l-istimi ma jinkludux investimenti bħal taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol; appoġġ għal tranżizzjonijiet u għal ristrutturar tas-suq tax-xogħol; u appoġġ dirett għall-introjtu lil unitajiet domestiċi vulnerabbli.

**fis-sena**[23] għal għanijiet ambjentali oħrajn. Biex isir dan, huwa meħtieġ allinjament tas-sorsi kollha ta' finanzjament – pubbliċi u privati, nazzjonali u multilaterali. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid, in-Next Generation EU (NGEU), l-inizjattivi regolatorji u pubbliċi-privati, u l-pakkett ta' Lulju 2021 kollha qed jipproponu żidiet sostanzjali fil-finanzjament għall-klima.

Bħala għajnuna biex jiġu sfruttati l-investimenti privati[24], fl-2021 ġiet adottata l-**Istrateġija Mġedda għall-Finanzi Sostenibbli**[25]. Biex torjenta mill-ġdid il-kapital privat, il-Kummissjoni adottat ir-**Regolament dwar it-Tassonomija** tal-**Finanzi Sostenibbli**[26], li jistabbilixxi qafas għat-**tassonomija tal-UE -** klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli għall-kumpaniji, għall-investituri u għal dawk li jfasslu l-politika. L-ewwel parti tiegħu tiffoka fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih f'ċerti setturi[27]. Dimensjonijiet ambjentali u soċjali oħrajn se jitlestew fl-2022. Sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni se tippubblika rapport li jiddeskrivi d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiġu koperti attivitajiet ekonomiċi li ma għandhomx impatt sinifikanti fuq is-sostenibbiltà ambjentali u attivitajiet ekonomiċi li jagħmlu ħsara sinifikanti lis-sostenibbiltà ambjentali[28]. L-UE tkompli taħdem mas-sħab ewlenin tagħha fil-**Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli**[29] dwar kif għandhom jiġu ffaċilitati l-investimenti sostenibbli transfruntiera, b'mod partikolari, permezz ta' **Tassonomija Komuni potenzjali Għal Kulħadd**. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet **Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD)**[30] li temenda r-rekwiżiti eżistenti ta' rapportar mhux finanzjarju, testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar għall-kumpaniji kbar kollha u għall-kumpaniji kollha elenkati fis-swieq regolati, ħlief il-mikrointrapriżi elenkati, u tipprevedi l-awditjar tal-informazzjoni rrapportata. Dan itejjeb ħafna t-trasparenza.

Fl-UE, l-**alleanzi industrijali** huma parti mis-sett ta' għodod ta' politika biex jiġu mmobilizzati l-investimenti f'setturi ewlenin. Dawn jinkludu l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Alleanza tal-Idroġenu Nadif u l-Alleanza Ewropea dwar il-Materja Prima.

***Lejn irkupru ekoloġiku u ġust***

Mit-tifqigħa tal-pandemija fl-2020, l-EGD kien fiċ-ċentru tal-isforzi tal-UE fit-tfassil tal-pakkett ta' rkupru u l-baġit fit-tul tal-UE (2021-2027). Wara l-ftehim tal-Kunsill Ewropew is-sena l-oħra, **mill-anqas 30 % tal-EUR 1,8 triljun kemm tal-istrument ta' rkupru temporanju NGEU kif ukoll tal-baġit ta' bejn l-2021 u l-2027** se jintużaw għall-politiki u għall-programmi relatati mal-klima, li jammontaw għal EUR 540 biljun. Il-Kummissjoni se tiffinanzja 30 % tal-NGEU permezz tal-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, filwaqt li tibni fuq in-nefqa klimatika taħt il-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** (RRF). Sabiex jirċievu appoġġ mill-

---

23 COM(2020) 456 final.

24 "Finanzi sostenibbli" tirreferi għall-proċess li jitqiesu b'mod xieraq il-kunsiderazzjonijiet klimatiċi, ambjentali u soċjali fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investiment, li jwassal għal aktar investimenti f'attivitajiet għal żmien itwal u sostenibbli.

25 SWD(2021) 180 final.

26 Ir-Regolament (UE) 2020/852.

27 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom, attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax xi ħsara sinifikanti lil kwalunkwe wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final).

28 Ir-Rapport meħtieġ taħt l-Artikolu 26(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija.

29 Dan jgħaqqad flimkien 17-il pajjiż li jirrappreżentaw aktar minn 55 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra.

30 COM(2021) 189 final.

RRF,[31] parti ċentrali tal-NGEU, fl-2021 l-Istati Membri kellhom iħejju pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) dwar kif beħsiebhom jonfqu l-allokazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Dawn il-Pjanijiet iridu jkunu konformi mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Klima u l-Enerġija, jissodisfaw mira speċifika ta' 37 % ta' nefqa klimatika u jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) biex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq l-objettivi klimatiċi u ambjentali[32]. L-Istati Membri li raw l-RRPs tagħhom ivvalutati mill-Kummissjoni qabżu l-mira ta' hawn fuq billi allokaw madwar 40 % għall-klima[33].

Il-**Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta** ġie stabbilit biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima sseħħ b'mod ġust, billi ma jitħalla ħadd jibqa' lura. Din l-għodda l-ġdida hija mistennija timmobilizza madwar EUR 55 biljun biex jittaffa l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni klimatika fir-reġjuni u fis-setturi l-aktar affettwati. L-Istati Membri qed iħejju **Pjanijiet ta' Tranżizzjoni Territorjali Ġusta** (TJTPs) li jidentifikaw l-aktar territorji affettwati b'mod negattiv u li jiddeskrivu l-proċess ta' tranżizzjoni tagħhom. Sabiex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima, huwa kruċjali li l-investimenti jappoġġaw it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema f'setturi affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni u li jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol[34]. Barra minn hekk, ġiet stabbilita Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta[35] biex tgħin lir-reġjuni li jiddependu fuq il-fjuwils fossili solidi u lil industriji b'użu intensiv ta' emissjonijiet tal-karbonju, u biex tipprovdi spazju għal djalogu u skambji miftuħa.

***Il-bliet u ċ-ċittadini żiedu l-azzjoni klimatika***

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija responsabbiltà kollettiva. In-nies u l-bliet madwar l-UE qed jieħdu dejjem aktar azzjonijiet. F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni nediet il-**Patt Klimatiku Ewropew**[36] biex tagħti liċ-ċittadini rwol akbar fit-tfassil kemm tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament, u pjattaforma effettiva biex isir dan. Sa Lulju 2021 kien hemm aktar minn 1 000 applikazzjoni biex wieħed jissieħeb fil-Patt, u aktar minn 500 ċittadin diġà huma ambaxxaturi attivi bis-sħiħ[37].

Sa tmiem l-2020, madwar 9 900 belt Ewropea kienu ngħaqdu mal-**Patt tas-Sindki tal-UE**[38], b'impenn kollettiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bi 30 % sal-2020 u b'47 % sal-2030 meta mqabbla mal-2005. Taħt il-programm Orizzont Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni, il-Kummissjoni qed tniedi wkoll il-**missjoni "bliet newtrali għall-klima u intelliġenti"** għal mill-anqas 100 belt biex sal-2030 isiru newtrali għall-klima u biex trawwem l-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni filwaqt li missjonijiet oħrajn – dwar l-

[31] Ir-Regolament (UE) 2021/241.
[32] Pereżempju, l-investimenti fil-fjuwils fossili u fl-infrastruttura, l-investimenti f'toroq ġodda jew fl-inċinerazzjoni tal-iskart ma humiex permessi.
[33] L-infiq irrappurtat għall-RRF huwa stima proċessata mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni dwar it-trekkjar klimatiku ppubblikata bħala parti mill-analiżi tal-Kummissjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Id-*data* rrapportata tkopri t-22 pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza vvalutati u approvati mill-Kummissjoni sal-5 ta' Ottubru u l-ammont se jevolvi hekk kif jiġu vvalutati aktar pjanijiet.

[34] Ir-rieżami tal-2020 dwar l-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa.
[35] https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/european-green-deal/finance-and-green-deal/just-transition-mechanism/just-transition-platform_mt
[36] https://europa.eu/climate-pact/index_mt
[37] https://europa.eu/climate-pact/ambassadors/meet-our-ambassadors_mt
[38] https://www.covenantofmayors.eu/about/covenant-initiative/covenant-in-figures.html

adattament għat-tibdil fil-klima, dwar l-oċeani u l-ilmijiet interni u dwar is-saħħa tal-ħamrija – se jippromwovu l-azzjoni klimatika permezz ta' involviment taċ-ċittadini fuq bażi wiesgħa.

## 2. L-ISKEMA TAL-UE GĦALL-ISKAMBJU TA’ KWOTI TAL-EMISSJONIJIET

L-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)[39] bħalissa tkopri madwar 36 % tal-emissjonijiet totali ta’ gassijiet serra tal-UE minn kważi 9 500 impjant tal-enerġija u impjanti tal-manifattura (jiġifieri installazzjonijiet stazzjonarji), kif ukoll titjiriet fi ħdan iż-ŻEE[40]. B’kollox, sal-2020, l-emissjonijiet tal-EU ETS minn installazzjonijiet stazzjonarji kienu diġà naqsu bi 43 % mill-2005[41]. Dan it-tnaqqis kien xprunat l-aktar mis-setturi tal-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana (-15 %), li jirrifletti kemm xejriet ta’ dekarbonizzazzjoni identifikati qabel (bħall-qlib mill-faħam għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-gass naturali u s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili b’sorsi tal-enerġija rinnovabbli xprunati mill-politiki tal-UE u tal-Istati Membri dwar l-enerġija rinnovabbli) kif ukoll, fl-2020, tnaqqis fil-konsum tal-elettriku minħabba l-pandemija. Fl-2020, huwa stmat li, minħabba l-effetti tal-pandemija, l-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji naqsu bi 11,4 %, filwaqt li l-emissjonijiet mill-industrija raw l-akbar tnaqqis (-7 %) mill-bidu tal-fażi 3 tal-EU ETS fl-2013 u l-avjazzjoni rat tnaqqis rekord (-63,5 %).




**Illustrazzjoni 2: L-emissjonijiet ivverifikati (storiċi) tal-ETS ta’ bejn l-2005 u l-2020 f’$CO_2$-eq[42], il-projezzjonijiet tal-Istati Membri bil-miżuri eżistenti għal bejn l-2021 u l-2030, il-fażijiet 2, 3 u 4 tal-limitu massimu tal-ETS, u l-eċċess akkumulat tal-kwoti tal-ETS ta’ bejn l-2008 u l-2020, inkluż ir-Renju Unit (l-Irlanda ta’ fuq), in-Norveġja u l-Iżlanda**

[39] Tkopri l-EU-27, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Irlanda ta’ fuq. Sal-2021 kopriet lir-Renju Unit.

[40] Tkopri biss l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn titjiriet fiż-ŻEE, titjiriet li jitilqu lejn l-Iżvizzera u r-Renju Unit.

[41] Emissjonijiet ivverifikati mir-Reġistru tal-Unjoni.

[42] Minħabba l-bidliet fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-ETS, is-serje ta’ żmien ma humiex konsistenti qabel l-2013. L-illustrazzjoni tinkludi l-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fl-EU ETS fis-snin rispettivi. Il-Fażi 4 tal-limitu massimu b’mira eżistenti ta’ 40 %. Il-limitu massimu għal bejn l-2021 u l-2030 jirrifletti l-ħruġ tar-Renju Unit.

L-aħħar ftit snin tal-fażi 3 kienu kkaratterizzati minn sinjal imsaħħaħ tal-prezz tal-karbonju. Dan kien ukoll il-każ fl-2020 u fl-2021 meta, minkejja s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli fis-setturi tal-industrija u tal-avjazzjoni minħabba l-pandemija, il-prezz tal-karbonju baqa' b'saħħtu minħabba l-prezzijiet għoljin tal-gass u l-antiċipazzjoni tas-suq taż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-2030. Il-prezzijiet tal-karbonju żdiedu matul l-2021, u dan ikkontribwixxa għal prezzijiet ogħla tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku iżda fi proporzjon ferm iżgħar miż-żieda fil-prezz tal-gass.

Kull sena, il-Kummissjoni tippubblika l-eċċess tal-kwoti għas-sena preċedenti. F'Mejju 2021, l-eċċess tal-2020 kien ta' madwar 1,58 biljun[43], kemxejn ogħla minn dak tal-2019 (1,39 biljun), hekk kif l-emissjonijiet baqgħu jonqsu minħabba l-pandemija. Abbażi tal-eċċess attwali, il-volumi tal-irkant minn Settembru 2021 sa Awwissu 2022 se jitnaqqsu bi kwoti ta' 378 miljun. L-ewwel rieżami tar-**Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq**[44], operattiva mill-2019, wera li din laħqet l-objettiv tagħha li tnaqqas l-eċċess storiku u li tistabbilizza s-suq, anke fid-dawl ta' emissjonijiet imnaqqsa minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Jiġifieri, dan wassal għal dħul (volumi mnaqqsa tal-irkant) ta' kważi 1,1 biljun kwota s'issa, u dan huwa mistenni li jkompli fis-snin li ġejjin.

Fir-rigward tal-**krediti internazzjonali**, fil-bidu tal-fażi 3, l-analisti tas-suq stmaw li l-kwantità ta' intitolamenti ta' kreditu internazzjonali użati matul il-fażijiet 2 u 3 (2008-2020) tammonta għal madwar 1,6 biljun kreditu. Minn Mejju 2021[45], in-numru totali użat jew skambjat kien ta' madwar 1,565 biljun, li jammonta għal kważi 98 % tal-massimu stmat. Fil-fażi 3 biss (2013-2020), ġew skambjati 506,3 miljun kreditu internazzjonali. Skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-EU ETS, il-krediti internazzjonali ma jistgħux jibqgħu jintużaw għall-konformità mal-EU ETS fir-raba' perjodu ta' negozjar tas-sistema (2021-2030).

**Id-dħul mill-irkant tal-kwoti fis-suq Ewropew tal-karbonju** kompla jikber fl-2020 minħabba żieda fil-prezz tal-karbonju. Id-dħul totali ġġenerat mill-Istati Membri, mir-Renju Unit u mill-pajjiżi taż-ŻEE mill-irkantijiet bejn l-2012 u t-30 ta' Ġunju 2021 kien qrib EUR 83,5 biljun. Fl-2020 biss, id-dħul totali ġġenerat kien ta' EUR 16,5-il biljun (EU-27 flimkien maż-ŻEE) jew ta' EUR 19-il biljun bl-inklużjoni tar-Renju Unit. Fl-ewwel sitt xhur tal-2021, id-dħul (EU-27 flimkien maż-ŻEE) kien qrib l-EUR 14-il biljun.[46]

***Azzjonijiet fl-avjazzjoni u t-trasport marittimu***

L-emissjonijiet mill-avjazzjoni barra mill-Ewropa, jiġifieri li jirriżultaw minn titjiriet deħlin lejn iż-ŻEE u titjiriet li jitilqu lejn pajjiżi oħra, bl-eżenzjoni ta' titjiriet li jitilqu lejn ir-Renju Unit u l-Iżvizzera, bħalissa ma humiex ipprezzati taħt l-EU ETS, f'konformità mad-dispożizzjoni "waqqaf l-arloġġ" fid-Direttiva dwar l-EU ETS.

Matul l-2021, l-UE kompliet tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija inizjali għat-Tnaqqis tal-Gassijiet Serra tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali b'enfasi fuq miżuri għal żmien qasir. Il-Kummissjoni ffirmat ukoll memorandum ta' qbil għal Sħubija ġdida ta'

[43] C(2021) 3266 final.
[44] L-Anness 7 tal-SWD (2021) 601 final.
[45] L-iskambju ta' krediti internazzjonali kien possibbli sal-aħħar ta' April 2021, jiġifieri t-tmiem taċ-ċiklu ta' konformità tal-2020.
[46] In-numri kollha jinkludu kwoti rkantati għall-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni.

Orizzont Ewropa li se tinvesti sa EUR 3,8 biljun fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tiżviluppa u turi soluzzjonijiet ta' emissjonijiet żero li jistgħu jiġu skjerati għat-tipi kollha ta' bastimenti u servizzi ewlenin sal-2030. F'Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-EU ETS biex tinkludi l-emissjonijiet mit-trasport marittimu u biex tagħti spinta lill-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli.

## 3. EMISSJONIJIET TA' KONDIVIŻJONI TAL-ISFORZI

L-emissjonijiet mis-setturi mhux inklużi fl-EU ETS, bħat-trasport, l-industrija mhux tal-ETS, il-bini, l-agrikoltura u l-iskart, huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi. Id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD) tistabbilixxi miri nazzjonali tal-emissjonijiet għall-2020, espressi bħala tibdil fil-perċentwal mil-livelli tal-2005. Din tistabbilixxi wkoll l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEAs) li l-Istati Membri[47] jridu jirrispettaw. Bl-istess mod, ir-Regolament suċċessur dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi[48] (ESR) jistabbilixxi miri nazzjonali tal-emissjonijiet għall-2030 u l-AEAs għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030, inkluż għall-Iżlanda u n-Norveġja[49]. L-Iżlanda u n-Norveġja ħadu passi ulterjuri biex jimplimentaw l-ESR u s'issa, iż-żewġ pajjiżi ssottomettew il-pjanijiet nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni[50]"[51].

Minħabba li s-sistema tal-kondiviżjoni tal-isforzi tnediet fl-2013, l-emissjonijiet madwar l-UE kollha kienu inqas mil-limitu totali ta' kull sena. L-emissjonijiet tal-EU-27 koperti mill-ESD kienu 11 % anqas fl-2019 meta mqabbla mal-2005. Għalhekk, il-mira għall-2020 (-10 %) diġà kienet intlaħqet iżżejjed qabel ma bdiet il-kriżi tal-COVID-19 (Illustrazzjoni 3).




[47] Taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit għadu japplika d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-ESD.
[48] Ir-Regolament (UE) 2018/842.
[49] Id-Deċiżjoni tal-ESA Nru 204/21/COL tal-21 ta' Lulju 2021.
[50] Diċembru 2019: Il-Pjan nazzjonali tan-Norveġja relatat mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 269/2019 tal-25 ta' Ottubru 2019.
[51] Novembru 2020: Il-Pjan Nazzjonali tal-Iżlanda – Maħruġ f'konformità mad-Dikjarazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 269/2019 tal-25 ta' Ottubru 2019.

**Illustrazzjoni 3: L-emissjonijiet f'setturi koperti mil-leġiżlazzjoni dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi ta' bejn l-2005 u l-2030 u l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEAs), l-EU-27 u l-Iżlanda u n-Norveġja (MT $CO_2$-eq)[52]**

### *Il-konformità tal-Istati Membri mal-obbligi tal-kondiviżjoni tal-isforzi bejn l-2013 u l-2020*

L-Istati Membri kollha rrispettaw l-obbligi tal-kondiviżjoni tal-isforzi tagħhom bejn l-2013 u l-2018. Malta qabżet l-AEAs tagħha f'kull waħda mis-snin inkwistjoni, iżda kopriet id-defiċit billi xtrat AEAs mill-Bulgarija. Fl-2018, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Polonja qabżu wkoll l-AEAs tagħhom iżda setgħu jużaw eċċessi mġemmgħin mis-snin preċedenti. Fl-2018, l-Iżvezja u r-Renju Unit ikkanċellaw l-eċċessi tal-AEA biex itejbu l-integrità ambjentali tas-sistema[53]. L-Istati Membri l-oħrajn kollha rriżervaw l-allokazzjonijiet eċċessi tagħhom għal użu possibbli aktar tard. Ma ntuża l-ebda kreditu internazzjonali mill-mekkaniżmu għal żvilupp nadif jew mill-implimentazzjoni konġunta biex tinżamm konformità mal-obbligi tal-kondiviżjoni tal-isforzi.

Iċ-ċiklu tal-konformità għall-2019 għadu għaddej. Abbażi tar-rieżami annwali tal-inventarju taħt l-ESD, l-emissjonijiet ta' Malta qabżu l-AEAs tagħha bi 22 % u għalhekk se jkollha terġa' tixtrihom. L-emissjonijiet f'disa' Stati Membri oħra[54] qabżu l-AEAs tal-2019 b'massimu ta' 18 %. Ħlief għall-Irlanda u għall-Ġermanja, dawn il-pajjiżi għandhom biżżejjed eċċess ta' AEA mis-snin preċedenti. Id-*data* tal-inventarju proxy għall-2020 turi li l-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda u Malta qabżu l-AEAs tagħhom, li jvarjaw minn 0,4 % (il-Finlandja) għal 14 % (l-Irlanda). L-Istati Membri li ma għandhomx eċċess ta' AEAs (l-Irlanda, il-Ġermanja u Malta) jistgħu jużaw il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà tal-ESD (lil hinn mill-ħżin u self ta' AEAs).

[52] Ċifra bbażata fuq il-projezzjonijiet irrapportati mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2021/1119, ikkumpilata u eżaminata għall-kwalità mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Iċ-ċifri sal-2020 jinkludu l-EU-27 biss u mill-2021 anke l-Iżlanda u n-Norveġja.
[53] L-Iżvezja ħassret 5,8 Mt u r-Renju Unit 27,4 Mt.
[54] AT, BE CY, DE, EE, FI, IE, LU, PL.




**Illustrazzjoni 4: Eċċess kumulattiv ta' AEAs bħala perċentwal tal-emissjonijiet tas-sena bażi 2005, bejn l-2013 u l-2019 għall-EU-27 u r-Renju Unit**

### *Il-progress lejn il-miri tal-kondiviżjoni tal-isforzi għall-2030*

L-Istati Membri qed jippjanaw, jadottaw u jimplimentaw politiki u miżuri biex jilħqu l-miri attwali tagħhom tal-2030 għall-kondiviżjoni tal-isforzi taħt l-ESR. Jekk il-politiki nazzjonali implimentati bħalissa jiġu aggregati, meta mqabbel mal-2005, l-EU-27 kieku tnaqqas l-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi bi 22 % sal-2030. Dan huwa ferm anqas mill-mira globali attwali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 30 % u l-mira aktar ambizzjuża ta' 40 % proposta f'Lulju 2021. Anke li kieku l-politiki addizzjonali kollha rrapportati mill-Istati Membri kellhom jiġu implimentati, it-30 % kienu jiġu ssodisfati bl-eżatt. Dan isaħħaħ il-ħtieġa qawwija u imminenti għall-Istati Membri biex jippjanaw u biex jimplimentaw azzjoni klimatika addizzjonali fis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi.




**Illustrazzjoni 5[55]: Il-lakuni bejn il-miri tal-ESR tal-2030 u l-emissjonijiet imbassra[56] b'miżuri eżistenti u b'miżuri addizzjonali f'perċentwal tal-emissjonijiet tas-sena bażi tal-2005 għall-EU-27, għall-Iżlanda u għan-**

[55] L-AEAs għas-27 Stat Membru ma jaqblux eżattament mal-miri attwali tat-tnaqqis tal-kondiviżjoni tal-isforzi fil-livell tal-UE espressi f'perċentwal. Ara SWD għal aktar dettalji.

[56] L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent imliet "projezzjonijiet b'miżuri addizzjonali" nieqsa bi "projezzjonijiet b'miżuri eżistenti". Id-*data* oriġinali għandha metrika differenti, li tista' tiġi kkoreġuta bejn wieħed u ieħor b'konverżjoni. Għalhekk, il-lakuni huma pprovduti hawnhekk għal finijiet illustrattivi biss. Ara SWD għal aktar dettalji.

**Norveġja. Il-valuri pożittivi jindikaw l-ilħuq eċċessiv imbassar tal-miri; il-valuri negattivi jindikaw li l-miri mbassra ma humiex se jintlaħqu.**

### *Politiki f'setturi ewlenin*

Fis-**settur tat-trasport bit-triq,** it-tieni l-akbar sors fl-UE, fl-2019 l-emissjonijiet kienu reġgħu laħqu l-livell tagħhom tal-2005, wara li kien hemm tnaqqis b'riżultat tal-kriżi finanzjarja. Dawn huma mistennija li jerġgħu jiżdiedu wara l-pandemija u x'aktarx li ma jonqsux mingħajr miżuri addizzjonali. **L-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal karozzi u vannijiet ġodda u għal vetturi heavy-duty** huma għalhekk xprunaturi ewlenin għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq. L-emissjonijiet medji minn karozzi ġodda naqsu minn 122,3 g $CO_2$/km fl-2019 għal 107,8 g $CO_2$/km fl-2020[57]. Dan huwa bil-bosta l-akbar tnaqqis annwali minn meta ġew introdotti l-istandards tas-$CO_2$ fl-2010, bis-saħħa tal-introduzzjoni gradwali ta' mira aktar stretta tas-$CO_2$ għall-flotta kollha tal-UE fl-2020. Barra minn hekk, dan juri l-effett ta' miżuri ta' rkupru mmirati stabbiliti mill-Istati Membri li stimulaw l-użu ta' vetturi b'livell baxx ta' emissjonijiet u b'emissjonijiet żero u investimenti fl-infrastruttura tal-irriċarġjar. Fl-2020, ir-reġistrazzjonijiet tal-karozzi elettriċi żdiedu bit-triplu meta mqabbla mal-2019 (żieda minn 3,5 % għal aktar minn 11 % li minnhom 6 % huma vetturi kompletament elettriċi u 5 % vetturi elettriċi ibridi plug-in). Fl-2020, l-emissjonijiet medji għal vannijiet ġodda naqsu wkoll għal 155,7 g $CO_2$/km, bis-saħħa ta' standards aktar stretti (Illustrazzjoni 6). Il-vetturi heavy-duty, bħal trakkijiet, vannijiet tqal, xarabanks u kowċis, jikkontribwixxu għal madwar 30 % tal-emissjonijiet totali tas-$CO_2$ tat-trasport bit-triq. Il-leġiżlazzjoni eżistenti tirrikjedi li l-emissjonijiet medji tas-$CO_2$ tal-flotta ta' manifattur ta' trakkijiet tqal ġodda jitnaqqsu bi 15 % u bi 30 %, mis-snin 2025 u 2030, rispettivament, meta mqabbla mal-linja bażi tal-2019.




[57] *Data* provviżorja ppubblikata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.




**Illustrazzjoni 6: L-emissjonijiet medji (g $CO_2$/km) għall-karozzi u għall-vannijiet li jkunu għadhom kif jinbiegħu u miri għall-flotta kollha**[58]

Għodda oħra użata fis-settur tat-trasport biex jitnaqqsu l-emissjonijiet hija d-**Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti**, li tirrikjedi li l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-fjuwils titnaqqas b'6 % sal-2020, meta mqabbla mal-2010. L-intensità medja tal-gassijiet serra tal-fjuwils fornuti fl-2019 kienet 4,3 % aktar baxxa milli fl-2010 (Illustrazzjoni 7). Il-progress li nkiseb ivarja ħafna bejn il-pajjiżi tar-rapportar u kważi l-Istati Membri kollha jridu jieħdu azzjoni ulterjuri malajr biex jilħqu l-mira tal-2020. F'Lulju, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli pproponiet mira ta' tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet serra ta' 13 % għall-fjuwils kollha tat-trasport sal-2030. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jilħqu sottomiri għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (2,6 %) u l-bijofjuwils avvanzati (2,2 %).

[58] Il-miri għal bejn l-2020 u l-2024 li għandhom jiġu kkalkolati fit-Test Armonizzat fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief (WLTP).




**Illustrazzjoni 7: Tnaqqis fl-intensità ta' gassijiet serra ta' fjuwils miksuba mill-fornituri tal-fjuwils tal-UE f'27 Stat Membru u r-Renju Unit, bejn l-2010 u l-2019**

**Il-gassijiet fluworurati** (gassijiet-F) huma gassijiet serra b'saħħithom ħafna u l-emissjonijiet tagħhom huma inklużi fl-ESD. Mill-2019, l-UE trid tikkonforma wkoll mal-limiti tal-konsum għall-idrofluworokarburi (HFCs) taħt l-*Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jdgħajfu s-saff tal-ożonu*. Ir-Regolament attwali dwar il-gassijiet-F[59] għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet billi jippromwovi bidla mill-gassijiet-F li jikkawżaw livell għoli ta' tisħin lejn gassijiet b'potenzjal ta' tisħin globali aktar baxx. Fl-2020, l-ammont ta' gassijiet-F fornuti lis-suq tal-UE kien diġà tnaqqas b'40 % meta mqabbel mal-2015, meta mkejjel f'termini tal-effett potenzjali tiegħu fuq il-klima. Barra minn hekk, l-UE kienet ferm taħt il-limitu tal-konsum tagħha tal-HFC tal-2020 taħt il-*Protokoll*. Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tespandi s-sistema ta' monitoraġġ f'ħin reali tagħha - l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana - sabiex tgħin lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jipprevjenu l-importazzjonijiet illegali ta' HFCs mhux koperti mis-sistema tal-kwoti.

F'ħafna każijiet, il-gassijiet-F issostitwew is-**sustanzi li jnaqqsu l-ożonu** (ODS) li spiss ikunu wkoll gassijiet serra qawwija ħafna. Sa issa, l-UE neħħiet gradwalment l-ODS u ssodisfat b'suċċess l-obbligi tagħha taħt il-*Protokoll ta' Montreal.* Madankollu, peress li l-ODS xorta jistgħu jintużaw għal ċerti attivitajiet eżentati, huwa essenzjali li jkomplu jiġu infurzati politiki relatati.

[59] Ir-Regolament (UE) 517/2014.

# 4. UŻU TAL-ART, TIBDIL FL-UŻU TAL-ART U L-FORESTRIJA (LULUCF)

IL-LULUCF jista' jiġġenera emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera iżda jneħħi wkoll is-$CO_2$ minnha. Bejn l-2013 u l-2020, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiżguraw li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-assorbimenti ta' $CO_2$ minn azzjoni addizzjonali jitqiesu għall-mira ta' tnaqqis skont il-Protokoll ta' Kjoto. Il-Qafas tal-UE dwar il-Klima u l-Enerġija għall-2030 ilu mill-2021 jintegra l-emissjonijiet u l-assorbimenti mis-settur tal-art permezz ta' sett ta' regoli tal-kontabbiltà adattati mill-Protokoll ta' Kjoto.

Ir-Regolament dwar il-LULUCF[60] jirrikjedi li kull Stat Membru jiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra meqjusa mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija jkunu bbilanċjati b'tal-anqas assorbiment ekwivalenti ta' $CO_2$ mill-atmosfera mill-2021 sal-2030 (ir-regola ta' "ebda debitu"). Ġew stabbiliti wkoll Livelli ta' Referenza għall-Foresti tal-Istati Membri għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025.[61] L-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA (ESA) adottat dawn il-livelli għall-Iżlanda u għan-Norveġja[62] wara proċess simili.




**Illustrazzjoni 8. L-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati (R) u meqjusa (A) b'mod preliminari skont il-Protokoll ta' Kjoto, it-tieni perjodu ta' impenn, EU-27** [63]

L-Illustrazzjoni 8 turi għall-perjodu ta' bejn l-2013 u l-2019 bir li qed jonqos ta' emissjonijiet u ta' assorbimenti "rrapportati" għal kull attività għall-UE b'assorbimenti medji netti ta' -344,9 Mt $CO_2$-eq. Bl-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi tal-kontabbiltà tal-Protokoll ta' Kjoto, il-bilanċ "kontabbilizzat" jipproduċa bir (jew kreditu) medju ta' -115,0 MT $CO_2$-eq. Il-krediti netti kontabbilizzati naqsu minn -153,3 għal -85.3 Mt $CO_2$-eq[64]. Dawn il-kwantitajiet jinkludu kemm attivitajiet "obbligatorji", jiġifieri

[60] Ir-Regolament (UE) 2018/841.
[61] Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/268, li jakkumpanja SWD/2020/0236 final u analiżi xjentifika (Vizzarri, M., Pilli, R., Korosuo, A. *et al*. "Setting the forest reference levels in the European Union: overview and challenges." Carbon Balance Manage 16, 23 (2021)).
[62] Id-Deċiżjoni Nru 157/20/COL tal-ESA tas-16 ta' Diċembru 2020.
[63] L-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati mil-LULUCF taħt il-Protokoll ta' Kjoto kif muri hawnhekk huma bbażati fuq attivitajiet speċifiċi u ma humiex l-istess bħall-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati bbażati fuq l-art mil-LULUCF taħt l-inventarju tal-Konvenzjoni tal-UNFCCC kif inkluż fl-Illustrazzjoni 1.
[64] Ix-xejra fis-serje taż-żmien tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti rrapportati għall-UE tvarja mill-kontabbiltà minħabba l-applikazzjoni tar-regoli kontabilistiċi, b'mod partikolari billi jiġi applikat limitu massimu għall-krediti mill-Ġestjoni tal-Foresti ugwali għal 3,5 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fis-sena bażi.

afforestazzjoni/riforestazzjoni, deforestazzjoni u ġestjoni tal-foresti, kif ukoll attivitajiet "eletti" skont il-PK.[65]

L-ixprunatur ewlieni għat-tnaqqis tal-bir tal-LULUCF tal-UE huwa t-tnaqqis fl-assorbimenti netti rrapportati u l-krediti netti kontabbilizzati mill-Ġestjoni tal-Foresti bejn l-2013 u l-2019[66]. It-tnaqqis fl-assorbimenti tal-karbonju huwa dovut għal taħlita ta' fatturi, inkluż żieda fid-domanda għall-injam (eż. 2018 fil-Finlandja), sehem dejjem akbar ta' foresti li jilħqu l-maturità tal-ħsad (l-Estonja, il-Latvja) u żieda fid-disturbi naturali bħal infestazzjonijiet tal-insetti (iċ-Ċekja mill-2015), maltempati (2019 fil-Polonja), nixfiet u nirien fil-foresti (eż. 2017 fl-Italja u fil-Portugall)[67]. Skont stimi preliminari li jużaw ir-regoli kontabilistiċi għat-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, Ċipru, il-Finlandja u n-Netherlands għandhom debiti netti tal-LULUCF li huma iżgħar minn 1 Mt $CO_2$-eq fis-sena. Livelli ogħla ta' debiti huma mbassra għaċ-Ċekja, għal-Latvja u għas-Slovenja (2,6, 2,4 u 3,9 Mt $CO_2$-eq fis-sena, rispettivament).

Biex treġġa' lura t-tnaqqis fl-assorbimenti netti tal-LULUCF, fl-2030 il-Kummissjoni pproponiet mira ġdida ta' -310 Mt $CO_2$ eq. għall-bir tal-karbonju u għal settur tal-art newtrali għall-klima li jikkombinaw l-assorbimenti netti tal-LULUCF u l-emissjonijiet mill-bhejjem u mill-fertilizzanti fl-2035[68].

[65] DK, DE, IE, ES, IT u PT għażlu li fil-kontijiet tagħhom jinkludu l-Ġestjoni tar-Raba'; DE, DK, IE, IT u PT ukoll għażlu l-Ġestjoni tal-Imriegħi; RO għażlet ir-Riveġetazzjoni.

[66] Xejriet jew dinamiċi notevoli oħrajn: l-assorbimenti netti jew il-krediti skont l-Afforestazzjoni/ir-Riforestazzjoni naqsu b'7 Mt $CO_2$-eq fl-2017; l-emissjonijiet netti (krediti) mill-Ġestjoni tar-Raba' naqsu (żdiedu) b'5 Mt $CO_2$-eq matul il-perjodu ta' 7 snin.

[67] Grassi, G., Fiorese, G., Pilli, R., Jonsson, K., Blujdea, V., Korosuo, A. and Vizzarri, M., Brief on the role of the forest-based bioeconomy in mitigating climate change through carbon storage and material substitution, Sanchez Lopez, J., Jasinevičius, G. and Avraamides, M. editor(s), Il-Kummissjoni Ewropea, 2021, JRC124374.

[68] Dan huwa bbażat fuq l-emissjonijiet u fuq l-assorbimenti tal-LULUCF ibbażati fuq l-art irrapportati lill-UNFCCC. L-assorbimenti netti medji tal-UE fis-settur tal-LULUCF kienu ta' -268 Mt $CO_2$-eq bejn l-2016 u l-2018.

## 5. ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA

L-adattament għat-tibdil fil-klima issa huwa integrat fil-politiki tal-UE u fil-baġit fit-tul tal-UE. Sal-2020, l-Istati Membri kollha daħħlu fis-seħħ strateġija jew pjan nazzjonali ta' adattament. Il-pjattaforma Climate-ADAPT saret referenza għall-għarfien dwar l-adattament. Fl-2021, il-Kummissjoni adottat l-**istrateġija l-ġdida tagħha tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima**[69], li tistabbilixxi l-perkors għat-tħejjija tal-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima u biex sal-2050 insiru reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Dan billi ttejjeb u tiskambja l-għarfien (eż. permezz tal-pjattaformi u l-osservatorji tal-UE), u tiġbor *data* ta' kwalità aħjar u aktar *data* dwar ir-riskji u t-telf relatati mal-klima. L-istrateġija tenfasizza li l-iżviluppi tal-politika fil-livelli u fis-setturi kollha jenħtieġ li jiġu appoġġati, speċjalment ir-**reżiljenza lokali u ġusta**. Din tesplora r-rilevanza makrofiskali tat-tibdil fil-klima u r-riskji ta' diżastri naturali u tenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fl-oqfsa fiskali nazzjonali. Din tenfasizza wkoll soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

Se jiġu ttestjati soluzzjonijiet ta' adattament aktar rapidi u dawn se jiżdiedu permezz tal-missjoni ta' Orizzont Ewropa dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-għan huwa li jiġu appoġġati mill-anqas 150 reġjun u komunità u li jiġu ttestjati mill-anqas 75 dimostrazzjoni profonda. Il-missjonijiet ta' Orizzont Ewropa dwar is-Saħħa tal-Ħamrija, il-Bliet Newtrali għall-Klima, u l-Oċeani u l-ilmijiet interni huma wkoll direttament rilevanti għall-azzjoni dwar l-adattament.

### *L-ewwel valutazzjoni tar-rapportar dwar il-politiki nazzjonali ta' adattament*

Mill-2021, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw dwar il-politiki nazzjonali ta' adattament tagħhom.[70] L-Istati Membri kollha lestew dan ir-rapportar. Filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat il-progress attwali fl-implimentazzjoni, tista' titfassal stampa tal-perikli ewlenin u tar-riskji futuri osservati, li abbażi tagħhom jista' jitkejjel il-progress fl-2023.[71]

Il-perikli akuti osservati l-aktar ta' spiss fl-Istati Membri huma l-mewġiet tas-sħana u n-nixfiet (fil-pajjiżi kollha), ix-xita qawwija (li twassal għal għargħar), il-maltempati, l-uqigħ tal-art u n-nirien mhux ikkontrollati (għadd kbir ta' pajjiżi f'kull żona klimatika[72]). Il-perikli kroniċi osservati l-aktar ta' spiss huma t-tibdil fit-temperaturi, it-tibdil fix-xejriet u fit-tipi ta' xita (kif ukoll żieda fil-varjabbiltà) u fl-erożjoni kostali. Hemm ukoll xi perikli li jispikkaw iżda li huma rrapportati biss f'żoni klimatiċi speċifiċi: l-iskarsezza tal-ilma, id-degradazzjoni u l-erożjoni tal-ħamrija jidhru li huma kważi assenti fit-Tramuntana; il-bidla fix-xejriet tar-riħ hija rrapportata li taffettwa l-aktar it-Tramuntana u l-Lvant; l-intrużjoni bil-melħ hija partikolarment problematika fin-Nofsinhar. B'mod ġenerali, il-Finlandja, Franza u Spanja rrapportaw l-ogħla numru ta' perikli u l-Irlanda, l-Italja u l-Lussemburgu l-aktar numru baxx. Aktar minn 60 % tal-Istati Membri semmew is-saħħa, l-agrikoltura u l-ikel, il-forestrija, il-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma, it-turiżmu u l-enerġija bħala setturi li huma l-aktar

[69] COM(2021) 82.
[70] L-Artikolu 29 tar- Regolament (UE) 2018/1999.
[71] Ara d-dettalji fl-SWD.
[72] Ir-raggruppament tal-pajjiżi f'żoni klimatiċi skont nomenklatura użata ta' spiss fil-valutazzjonijiet relatati mal-klima tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u tal-Kummissjoni: it-Tramuntana (DK, EE, FI, IE, LT, LV, SE), il-Lvant (BG, CZ, HU, PL, RO, SK), in-Nofsinhar (CY, EL, ES, HR, IT, MT, PT, SI) u l-Punent (AT, BE, FR, DE, LU, NL).

affettwati minn riskji futuri kkawżati mit-tibdil fil-klima. Il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja rrapportaw l-ogħla għadd ta' setturi soġġetti għal riskji futuri.

## 6. IL-FINANZJAMENT TAL-AZZJONI KLIMATIKA

### *L-integrazzjoni tal-politiki dwar il-klima fil-baġit tal-UE*

Kif muri fil-Kapitolu 1, it-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika u r-reżiljenza għall-klima tirrikjedi investimenti sostanzjali. Għalhekk, mill-anqas **30 %** – l-ogħla sehem li qatt kien hemm – **tal-baġit fit-tul tal-UE li jmiss** (2021-2027) huwa allokat għall-azzjoni klimatika (żieda minn 20 % fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020). Dan ifisser madwar EUR 625 biljun meta mqabbel ma' madwar EUR 210 biljun fil-perjodu preċedenti. Programmi speċifiċi ta' nfiq għandhom miri klimatiċi ogħla (l-Orizzont Ewropa - 35 %, il-Fond ta' Koeżjoni - 37 %, il-PAK - 40 %, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - 60 %, il-LIFE - 61 %, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta[73] - 100 %) li jikkontribwixxu saħansitra sehem akbar għall-ambizzjoni baġitarja ġenerali.

Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw **minn self u għotjiet sa EUR 723,8 biljun taħt l- RRF**, l-Istati Membri kienu qed iħejju Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza (RRPs) fl-2021. Dawn il-Pjanijiet jinkludu investimenti u inizjattivi ta' riforma li għandhom valur miżjud għall-UE kollha kemm hi, bħall-iżvilupp u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli inkluż l-idroġenu, ir-rinnovazzjoni tal-bini u l-effiċjenza enerġetika, u t-tnedija ta' infrastruttura għal fjuwils alternattivi jew għat-trasport ferrovjarju. Il-mira speċifika ta' 37 % tan-nefqa fuq il-klima nqabżet, peress li l-investimenti klimatiċi kkombinati ta' 22 RRP ivvalutat u approvat mill-Kummissjoni[74] ammontaw għal EUR 177 biljun, jew madwar 40 % tal-fondi totali allokati għall-RRF. Madwar 43 % tal-ammont allokat għall-miżuri klimatiċi se jkollu fil-mira l-enerġija u n-networks rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u 35 % għall-mobilità sostenibbli. Għalhekk, l-RRPs diġà jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-miri aktar ambizzjużi għall-2030. Il-Kummissjoni integrat il-kriterji tekniċi ta' skrinjar mit-Tassonomija tal-UE fejn fattibbli biex issegwi n-nefqa fuq il-klima taħt l-RRF u l-fondi strutturali. Il-qafas tal-bonds ekoloġiċi tal-NGEU[75] adottat f'Settembru 2021 jipprovdi l-garanziji meħtieġa li r-rikavati se jiffinanzjaw investimenti ekoloġiċi u klimatiċi taħt l-RRF.

**Il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM) huwa mistenni li jimmobilizza madwar EUR 55 biljun** (2021-2027) ta' investimenti u jikkonsisti fi tliet pilastri:

1. **Fond għal Tranżizzjoni Ġusta** ta' mill-anqas EUR 25 biljun;
2. **L-iskema InvestEU "Tranżizzjoni Ġusta"** - garanzija baġitarja taħt il-programm InvestEU biex jiġu mmobilizzati l-investimenti privati;
3. **Faċilità ta' Self tas-Settur Pubbliku** li se tgħaqqad EUR 1,5 biljun ta' għotjiet mill-baġit tal-UE ma' EUR 10 biljun ta' self mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex timmobilizza madwar EUR 18-il biljun ta' investiment pubbliku.

Mill-2021, partijiet minn programmi differenti tal-UE li jikkontribwixxu għall-EGD bħall-FNE, il-programm Orizzont Ewropa, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-programm LIFE, il-Faċilità ta' Self taħt il-JTM eċċ. se jiġu ġestiti minn entità waħda - l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA).

[73] Ir-Regolament (UE) 2021/1056.
[74] Ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna għal spjegazzjonijiet dwar il-metodoloġija użata.
[75] SWD(2021)242.

*L-użu tal-Istati Membri ta' dħul mill-irkant ta' kwoti tal-EU ETS*

Biż-żieda sinifikanti fil-prezz tal-karbonju fil-fażi 3, id-dħul mill-irkant żdied kif xieraq – minn EUR 3,1 biljun fl-2013 għal EUR 14,4-il biljun fl-2020 fl-EU-27. Abbażi tar-rapportar annwali, huwa stmat li 75 % tad-dħul totali (EUR 56,5 biljun) intuża għall-finijiet tal-klima u tal-enerġija matul il-fażi 3 u 72 % fl-2020. Fil-prattika, l-Istati Membri jonfqu aktar fuq it-tibdil fil-klima u l-enerġija mid-dħul mill-irkant tagħhom[76].




**Illustrazzjoni 9: Id-dħul mill-irkant u l-użu rrapportat (EUR biljun), bejn l-2013 u l-2020, l-EU-27**

Matul il-fażi 3, id-dħul annwali addizzjonali miż-żieda fil-prezzijiet tal-karbonju ntefaq l-aktar domestikament filwaqt li l-infiq internazzjonali annwali rrapportat kien pjuttost stabbli (madwar bejn EUR 100 u 200 miljun/sena). Dan tal-aħħar kien direzzjonat l-aktar lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' fondi u istituzzjonijiet multilaterali. L-Illustrazzjoni 10 turi kif id-dħul irrapportat intefaq mill-2013.

[76] Ara SWD għal ħarsa ġenerali lejn id-dħul u n-nefqa rrapportata kull sena.




**Illustrazzjoni 10: Is-sehem domestiku u internazzjonali rrapportat tad-dħul li ntefaq fuq it-tibdil fil-klima u l-enerġija, bejn l-2013 u l-2020, EU-27**

Fl-aħħar nett, fl-2020[77], l-Istati Membri nefqu l-biċċa l-kbira tad-dħul irrapportat tagħhom fuq l-appoġġ dirett jiġifieri fuq l-installazzjoni ta' teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet (eż. sorsi ta' enerġija rinnovabbli).




**Illustrazzjoni 11: Sehem irrapportat għal kull tip ta' appoġġ li ntefaq fuq it-tibdil fil-klima u l-enerġija domestikament (inkluż ippjanat) fl-2020, EU-27**

[77] Fl-2020, l-Istati Membri rrapportaw għall-ewwel darba dwar it-tip ta' appoġġ użat domestikament skont l-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208.

*Il-programm NER 300*

L-NER 300 huwa programm ta' finanzjament fuq skala kbira għal proġetti innovattivi ta' dimostrazzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-UE marbuta ma' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u l-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) ambjentalment sikuri fuq skala kummerċjali fl-UE. Il-programm huwa ffinanzjat mill-monetizzazzjoni ta' 300 m kwota tal-emissjonijiet mir-Riżerva għal Entranti Ġodda taħt il-fażi 3 tal-ETS. B'kollox, 39 proġett ingħataw EUR 2,1 biljun ta' finanzjament f'20 Stat Membru. Il-proġetti jinsabu fi stadji differenti iżda 23 ġew irtirati minħabba diffikultajiet fil-kisba ta' ekwità suffiċjenti u/jew fl-attirar ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali.

Dan l-irtirar wassal għal rilaxx ta' kważi EUR 1,5 biljun. Id-Deċiżjoni NER 300 emendata ppermettiet li jerġgħu jiġu investiti EUR 708,7 miljun ta' fondi mhux użati permezz tal-istrumenti finanzjarji eżistenti. Taħt il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni tal-Enerġija ta' InnovFin (InnovFin EDP) u l-Istrument tad-Dejn tas-CEF, it-tnejn ġestiti mill-BEI, 3 proġetti innovattivi oħrajn dwar l-iċċarġjar u l-ħżin tal-enerġija, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-idroġenu, ibbenefikaw mill-finanzjament. Il-fondi mhux minfuqa li jifdal se jiġu mgħoddija lill-Fond għall-Innovazzjoni b'EUR 746,6 miljun li diġà ġew ittrasferiti. Dan juri li l-mekkaniżmu ta' taħlit stabbilit qed jaħdem b'mod effiċjenti bil-perspettiva ta' allokazzjoni sħiħa ta' fondi mhux minfuqa sa tmiem l-2022.

*Il-Fond għall-Innovazzjoni*

Il-Fond huwa ffinanzjat mill-irkant ta' 450 miljun ta' kwoti bejn l-2020 u l-2030 u minn kwalunkwe fond mhux minfuq mill-programm NER300. Dan jiġbor flimkien madwar EUR 25 biljun (bi prezz tal-karbonju ta' EUR 50/tunnellata) sal-2030 u huwa wieħed mill-akbar programmi li jiffinanzjaw globalment id-dimostrazzjoni kummerċjali ta' teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'industriji intensivi fl-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli innovattivi, il-ħżin tal-enerġija, u s-CCUS.

Fl-2020, l-ewwel sejħiet għal proposti attiraw interess sinifikanti minn kumpaniji ta' kull daqs u minn diversi setturi fl-EU-27, fl-Iżlanda u fin-Norveġja. Intgħażlu 32 proġett fuq skala żgħira u dawn ġew mistiedna għat-tħejjija tal-għotjiet għal volum totali ta' EUR 118-il miljun. Taħt is-sejħa fuq skala kbira, 66 proġett bl-aħjar klassifikazzjoni (minn 311-il applikazzjoni) ssottomettew proposti kompluti li jiswew EUR 6 biljun (fl-isfond ta' volum ta' sejħiet ta' EUR 1 biljun). Intgħażlu 15-il proġett fuq skala kbira għall-Assistenza għall-Iżvilupp tal-Proġetti (EUR 4 miljun).

*Fond għall-Modernizzazzjoni*

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni, li ilu jopera mill-2021, huwa wieħed mill-istrumenti ewlenin ta' finanzjament li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni f'10 Stati Membri b'introjtu aktar baxx, li tinkludi tranżizzjoni ġusta. Dan huwa ffinanzjat mill-irkant ta' aktar minn 640 miljun kwota tal-ETS (2020-2030), li jinkludi trasferimenti volontarji minn Stati Membri benefiċjarji, u jiġbor flimkien madwar EUR 31 biljun (bi prezz tal-karbonju ta' EUR 50/tunnellata) sal-2030.

Fl-ewwel ċiklu ta' żborż biannwali, sitt skemi pluriennali li jiswew EUR 304 miljun qegħdin jiġu ffinanzjati fiċ-Ċekja, fl-Ungerija u fil-Polonja li jimmiraw lejn is-sorsi ta' enerġija

rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, il-grilji intelliġenti, l-iżvilupp tal-grilja tal-enerġija u tal-komunitajiet tal-enerġija.

### *Il-programm LIFE*

Il-programm LIFE huwa l-istrument ta' finanzjament tal-UE għall-azzjoni ambjentali u klimatika u jikkofinanzja proġetti b'valur miżjud Ewropew. Għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027, il-baġit żdied b'mod sostanzjali għal EUR 5,43 biljun u ġie allokat għal erba' subprogrammi:




**Illustrazzjoni 12: Allokazzjoni baġitarja għal LIFE ta' bejn l-2021 u l-2027 (EUR biljun)**

L-għadd ta' proposti sottomessi taħt is-sejħiet għal Azzjoni Klimatika ta' LIFE għall-2020 kien ogħla minn dawk fi snin preċedenti. Barra minn hekk, is-sottoprogramm il-ġdid għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija Nadifa jikkontribwixxi direttament għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-biċċa l-kbira tal-proġetti Ambjentali jġibu wkoll kobenefiċċji klimatiċi relatati.

### *Strument ta' Appoġġ Tekniku (TSI)*

L-appoġġ tekniku mfassal apposta għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tar-riformi klimatiċi kompla jespandi bi kważi wieħed minn tliet proġetti tat-TSI 2021 li jappoġġaw l-EGD. Xi Stati Membri rċevew appoġġ tekniku meta kienu qed iħejju l-RRPs tagħhom filwaqt li aktar minn 60 % tal-proġetti tat-TSI 2021 jappoġġaw l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż il-prinċipju tad-DNSH, u/jew il-komponenti ekoloġiċi tal-pjanijiet tagħhom. Fl-2021 sar taħriġ dwar l-ibbaġitjar ekoloġiku u 17-il Stat Membru rċevew appoġġ biex iħejju t-TJTPs tagħhom.

## 7. AZZJONI INTERNAZZJONALI DWAR IL-KLIMA

L-UE kompliet tmexxi bl-eżempju dwar kif tista' tinkiseb in-newtralità klimatika u r-reżiljenza għall-klima sal-2050. F'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE żiedet il-mira tal-2030 tagħha u ssottomettiet NDCs aġġornati lill-UNFCCC. Fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE tikkoopera mas-sħab internazzjonali, tħeġġeġ u tassisti fit-twettiq tal-ogħla ambizzjonijiet possibbli, u wriet solidarjetà fl-indirizzar tal-impatti tat-tibdil fil-klima. Wara l-UE, aktar minn 50 pajjiż ieħor li jirrappreżentaw aktar minn nofs l-ekonomija dinjija impenjaw ruħhom għal emissjonijiet netti żero sa madwar nofs is-seklu, inkluż iċ-Ċina, l-Istati Uniti u l-Ġappun. F'dawn l-aħħar xhur, l-UE bdiet djalogi ġodda dwar il-klima mal-Indja u mal-Istati Uniti, u alleanza ekoloġika mal-Ġappun.

### *Il-Balkani tal-Punent u l-Viċinat Ewropew*

L-UE kompliet tappoġġa l-iżvilupp ta' strateġiji fit-tul u sistemi ta' monitoraġġ ta' rapportar u ta' verifika biex tgħin fit-titjib tal-governanza u biex jiġu mmobilizzati r-riżorsi, kemm fil-pajjiżi ta' qabel l-Adeżjoni kif ukoll fil-pajjiżi tal-Viċinat.

Fi tmiem l-2020, il-mexxejja tal-Balkani tal-Punent impenjaw ruħhom li jiksbu n-newtralità klimatika sal-2050 u li jnaqqsu s-sussidji għall-fjuwils fossili u approvaw Pjan Ekonomiku u ta' Investiment ta' EUR 9 biljun. Dan il-finanzjament jista' jintuża biex jintużaw EUR 20 biljun permezz tal-Faċilità ta' Garanzija ġdida għall-Balkani tal-Punent. Il-Komunità tal-Enerġija[78] intensifikat il-ħidma tagħha biex tadotta l-Qafas dwar l-Enerġija u l-Klima tal-2030, Pjan Direzzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni u r-Regolament dwar il-Governanza[79], id-Direttivi dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-Effiċjenza Enerġetika.

Sar progress tajjeb fid-djalogu dwar kwistjonijiet klimatiċi fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran, b'mod speċjali mal-Marokk u mal-Ġordan. Il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ikkonfermaw l-impenn tagħhom li jżidu l-kooperazzjoni u adottaw Pjan Ekonomiku u ta' Investiment fl-2021. Sabiex tallinja l-politiki u l-leġiżlazzjoni tagħha mal-EGD, l-Ukrajna bdiet djalogu ddedikat mal-UE. L-UE appoġġat ukoll l-aġġornament tal-NDCs għall-Moldova, għall-Georgia u għall-Armenja permezz tal-proġett reġjonali EU4Climate.

### *Appoġġ lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp*

L-UE u s-27 Stat Membru tagħha huma l-akbar fornitur dinji ta' finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima u jagħtu kontribut sostanzjali għall-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex jipprovdu USD 100 biljun fis-sena biex jappoġġaw l-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan il-kontribut żdied b'aktar mid-doppju mill-2013 u laħaq kważi EUR 22 biljun fl-2019[80]. Bħala eżempju, l-inizjattiva tal-Alleanza Globali għat-Tibdil fil-Klima Plus (GCCA+) għenet biex jiġu ffinanzjati 80 proġett ta' tħejjija għar-reżiljenza klimatika u l-NDCs fl-Afrika, fl-Asja, fil-Karibew u fil-Paċifiku.

L-istrateġija tal-UE tal-2021 dwar l-adattament għandha l-għan li żżid il-finanzjament internazzjonali biex tinbena r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u tippromwovi l-kondiviżjoni

---

[78] L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Georgia, il-Moldova, il-Montenegro, is-Serbja u l-Ukrajna.
[79] Ir-Regolament (UE) 2018/1999.
[80] Id-*data* għall-2020 għadha ġejja.

tal-aħjar prattiki u għarfien espert filwaqt li tippromwovi approċċi subnazzjonali, nazzjonali u reġjonali f'pajjiżi sħab. Il-Faċilità ta' Assistenza Teknika globali tnediet fl-2020 biex tgħin fit-tisħiħ tal-NDCs, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali ta' adattament, politiki u prattiki tal-art, strateġiji għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u strateġiji ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju/newtrali għall-klima. Fl-2021, l-UE spjegat azzjonijiet biex tkompli tintegra l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-fatturi ambjentali fil-politika u l-prattika tal-għajnuna umanitarja[81].

Fl-aħħar nett, bejn l-2021 u l-2027, l-Ewropa Globali hija mistennija li tiddedika madwar EUR 28 biljun għall-azzjoni klimatika billi tgħaqqad il-programmi kollha tal-azzjoni esterna tal-UE f'għodda ta' finanzjament waħda. Bħalissa għaddejja l-ħidma ta' programmazzjoni fil-livelli tal-pajjiżi, reġjonali u tematiċi u tagħti prijorità lit-tibdil fil-klima pereżempju fil-bini tal-paċi u r-rispons għall-kriżijiet.

[81] COM(2021) 110 final.